Qorti tal-Appell Kriminali .

IMHALLEF.

ONOR. DR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 2 TA' MEJJU , 2002.

APPELL NRU. 221/2001 JGD.

IL-PULIZIJA.

(Spettur Patrick Spiteri )

vs.

DANIEL GIORDMAINA.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2000, talli nhar l-Erbgha , 25 t' Ottubru, 2000, ghall-habta tal-5.30 p.m. , waqt li kien fi Triq il-Belt Valletta , Rabat, kien ghal kacca waqt stagun miftuh ghal kacca ta' ghasafar minn fuq l-art u kellu fil-pussess tieghu senter tal-marka GAMBA SN Z02182 u spara minn fuq triq principali u ghalhekk kien f'distanza ta' 50 metru boghod minn triq u f'inqas minn 200 metru boghod minn post abitat u dana bi ksur tal-A.L. 146/93 Art. 9. Sub. art. 4 u aktar talli garr arma tan-nar, senter tal-marka GAMBA SN Z02182 li kienet barra mill-ghata taghha , kkarkata f'post fejn mhux permess kacca u dana bi ksur tal-A.L. 146/93 Art. 8 u aktar talli waqt li kien b'vettura JAD-221 kien ghal kacca u dan bi ksur tal-A.L. 146/93 Art. 9 sub art. 3 u aktar talli ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasafar jekk ma jkunux ghasafar li mhux imsemmija fl-Iskedi I tar-Regolamenti tal-A.L. 146/93 u dan bi ksur tal-istess A. L. 146/93 , Art. 9 sub art. 1 (b) u aktar talli kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda I, II u III tar-Regolamenti ta' A.L. 146/93 u dana bi ksur tal-istess A.L. 146/93 Art. 12 , bit-talba lill-Qorti li barra taghti il-piena stabilita , tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti , kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji tal-armi u tal-kacca ghal mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru, 2001 li biha dik il-Qorti, fil-waqt li sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu , rat l-artikoli 8, 9 (1b) (3) (4) u 12 u fl-iskedi annessi , 25 ta' l-Avviz Legali 146/1993 u ikkundannatu multa ta' hames mitt lira LM500 oltre li ordnat il-konfiska tal-arma tan-nar tal-marka Bambia SN Z02182 u skwalifikatu mill-licenzji tieghu kollha tal-kacca u/jew licenzji dwar armi tan-nar ghal zmien indefenit.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2001, fejn talab li din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata fuq imsemmija billi tiddikjara is-sentenza nulla u bla effett u kwindi jigi minnha liberat skond il-ligi , f'kaz pero' li dan l-appell ma jintlaqax , joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minnflok tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat li l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma li is-sentenza hi nulla ghax kunjom l-appellant huwa miktub hazin , ghax il-piena ta' skwalifika ghal zmien indefenit mhix wahda konformi mall-ligi u li l-piena inflitta hija wahda oneruza hafna ghall-incident li ta lok ghall-proceduri odjerni u ghax kien ghadu zghir u immatur u l-kacca hija l-unika namur li ghandu .
Rat ix-xhieda traskritti quddiem l-ewwel Qorti u fliet l-atti kollha processwali ;
Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Avukat Prosekutur u tal-Avukat Difensur ,
Ikkunsidrat ,

Illi id-difensur tal-appellant, fil-kors tat-trattazzjoni tieghu waqt is-seduta tal-4 t'Apri, 2002, irtira l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza u illimita l-appell tieghu biss ghall-piena u b'mod partikolari u eskluzivament ghal dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti ordnat l-iskwaliifika tal-appellant mill-licenzji kollha tieghu kollha tal-kacca u/jew licenzji dwar armi tan-nar ghal zmien indefenit .

Il-Prosekuzzjoni invece insistiet li din il-Qorti m'ghandix tvarja id-diskrezjoni ta' l-ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena.

Illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-ewwel Qorti kellha is-setgha li tiskwalifika lill-appellant mill-licenzji kollha tieghu ghal zmien indefenit kif ghamlet skond ir-regolamenti komprizi fl-Avviz Legali 146/93 . Ghalhekk ma hemmx dubju li din il-piena hija konformi mall-ligi u entro il-paramentri legali .

Illi skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti , il-Qorti mhux solitu li tvarja id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta l-piena tkun entro il-parametri legali u sakemm ma tkunx manifestament sproporzjonata mall-htija li tirrizulta.

Illi fil-kaz in ezami irrizulta ghas-sodisfazzjon tal-ewwel Qorti - u mhux qed jigi kontestat f'dan l-appell - li l-appellant ikkontravjena b'mod spavald u manifest regolamenti importanti li jirregolaw l-agir ta' kaccaturi fl-ezercizzju tal-isport taghhom. Di fatti, hu spara mit-triq pubblika ewlenija tal-pajjiz cioe' Valletta Road, Rabat , kellu l-arma ikkargata fejn mhux suppost , kellu l-arma mikxufa meta mhux suppost u uza vettura biex jikseb l-ghan tieghu u inoltre ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal tajra ipprojbita li hu jghid li kienet seqer u kellu l-istess tajra fil-pussess tieghu. Illi agir tali da parti tal-appellant sfortunatament , apparti milli jikser il-ligi , jaghmel hafna hsara ghad-delizzju tal-kacca u jaghti isem hazin lill-pajjiz u lill-eluf ta' kaccaturi serji u responsabbli li jezercitaw l-isport taghhom entro ir-restrizzjonijiet imposti mill-ligi . Dan kien agir ta' min jistmerru u din il-Qorti b'ebda mod mhu ser tikkondonah . Ghalhekk ma hemmx dubju li dan il-kaz huwa wiehed serju u jimmerita is-sanzjonjiet kontemplati mill-ligi applikati mill-ewwel Qorti ghal dak li hija l-kundanna ghall-hlas ta' multa ta' LM500 inflitta u l-konfiska tal-arma tan-nar SN Z02182 .

Fejn pero' l-appellant ghandu ragun jilmenta hu dwar l-iskwalifika ghal zmien indefenit, li , fi kliem iehor, ifsser li l-appellant hu skwalifikat ghall-ghomru milli jgorr armi u jikkaccja. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-piena hija harxa wisq . Ma jirrizultax li l-appellant kien instab hati ta' xi reati simili qabel il-kaz in ezami jew li hu recidiv f' xi reat iehor mill-atti processwali - f'liema kaz sospensjoni indefenita setghet ukoll tkun gustifikata . Umbaghad l-appellant hu ta' eta' zghira u immatur u facilment seta' tkaxkar mill-entuzjazmu meta ikkommetta il-ksur tal-ligi minnu ammess. Illi skond ir-Regolament 25 (3) tal-"Protection of Birds and Wild Rabbits Regulations tal-1993" (A.L.146/1993), f'kaz ta' htija, il-periodu ta' skwalifika ma jista' jkun qatt inqas minn sena . Hu veru li il-ligi ma tistabilixxix periodu massimu ta' skwalifika imma jidher li ghal "first offender" skwalifika ghall-periodu indefenit hija piena harxa wisq u ma hemmx proporzjon bejn il-htija li irrizultat u l-piena ta' skwalifika ghal zmien indefenit. Mill-banda l-ohra l-agir irresponsabbli tal-appellant jesigi sanzjoni ta' skwalifika ghal zmien sostanzjali u din il-Qorti thoss li periodu ta' skwalifika ta' hames (5) snin ikun xieraq u adegwat fil-kaz in ezami.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell , billi tirriforma is-sentenza appellata billi tvarjha b'dan li minnflok l-iskwalifika ghal zmien indefenit tordna li l-iskwalifika tal-appellant mill-licenzji tieghu kollha tal-kacca u /jew licenzji dwar armi tkun ghall-periodu ta' hames (5) snin li jibda jiddekorri mill-lum u tikkonferma il-kumplament tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tar-reati kollha dedotti kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' LM500 u ordnat il-konfiska tal-arma senter SN Z02182, fl-intier taghha .

(ft) J. G.Galea Debono,

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
02.05.02